- ***MHUX TAL-KWALITA`  PATTWITA –***
- ***KONKLUZJONIJIET PERITALI –***
- ***ART. 681 TAL-KAP 12 –***
- ***APPREZZAMENT TAL-PROVI -***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 28 ta' Frar 2002**

**Kawza Numru:   34**
**Citazzjoni Numru: 408/97/RCP**

**Spiteri Tiles Limited**

**vs**

**Raymond Borg**

**Il-Qorti,**

## I.  PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta` attrici s-somma bilancjali ta' tlett elef u ghaxar liri Maltin (LM3,010)

rapprezentanti l-prezz bilancjali ta' diversi konsenji ta' irham u granit lilu mibjugha u konsenjati mis-socjeta` attrici;

Illi l-konvenuta interpellat ghall-hlas bilacjali baqa' inadempjenti.

Illi dan l-ammont huwa cert likwidu u dovut u l-konvenut m' ghandhux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talbiet attrici:

Illi l-istess socjeta` attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza *ai termini* tal-**artikoli 167-171 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili**:

2. Tikkundannah ihallas l-ammont bilancjali kumplessiv ta' tlett elef u ghaxar liri maltin (LM3,010) flimkien mal-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subbizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol. 6 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 8 sa 18 tal-process;

Rat il-verbali tat-2 ta' Gunju 1997, tat-18 ta' Gunju 1997 fejn Dr Ellul iddikjara lli l-konvenut ghandu eccezzjonijiet validi x'jaghti u dawn huma lli l-materjal konsenjat m'huwiex tal-kwalita` pattwita u li fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub bhala bilanc tal-prezz m'huwiex kollu dovut. Inoltre` Dr Ellul iddikjara li l-ahhar eccezzjoni kienet l-oggett ta' korrispondenza bejn il-partijiet, u ghalhekk talab li jigi ammess li jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u preffiggiet terminu ta' ghoxrin (20) jum ghall-prezentata tal-istess u l-kawza giet differita ghat-28 ta' Novembru 1997 ghall-kontinwazzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-20 ta' Gunju 1997 fejn gie eccepit:

1. Illi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-granit ikkonsenjat mis-socjeta` attrici m'huwiex tal-kwalita pattwita.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess is-somma pretiza mis-socjeta` attrici hija ezagerata.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.
Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 21 tal-process.

Rat il-verbali tat-28 ta' Novembru 1997 u tad-9 ta' Frar 1998.

Rat in-nota tal-attur tas-16 ta' Frar 1998 (fol. 34) fejn fiha ssuggerixxa lil J Pitre` bhala espert marmista biex jirrelata dwar il-punti teknici mertu tal-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Mejju 1998 fejn il-Qorti nnominat lill-John Pitre` bhala Perit Tekniku u l-kawza giet differita ghall-4 ta' Novembru 1998.

Rat il-verbali tas-seduta l-4 ta' Novembru 1998, tal-24 ta' Marzu 1999 u tal-21 ta' Gunju 1999 fejn Dr Toni Abela pprezenta nota li biha rrinunzja ghall-patrocinju tas-socjeta` attrici. Il-Qorti rrevokat id-digriet taghha tal-15 ta' Mejju 1998 contrario imperio u ezonerat lill-John Pitre` mill-inkarigu tieghu, tas-26 ta' Jannar 2000 fejn Dr Cassar ghas-socjeta` attrici talab in-nomina ta' Perit Arkitett bhala espert, u l-Qorti nnominat lill-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti, tal-24 ta' Mejju 2000 u tat-12 ta' Ottubru 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippressjeduta.

Rat in-nota tal-konvenut tal-25 ta' Ottubru 2000 fejn ipprezenta rapport li sar mill-Perit A Fenech Vella (fol. 47 sa 50).

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Jannar 2001 u tat-22 ta' Mejju 2001, tal-4 ta' Ottubru 2001, tat-18 ta' Ottubru 2001, tat-8 ta' Novembru 2001 fejn il-Perit Joseph Ellul Vincenti halef ir-rapport u l-kawza giet differita ghall-ezami tar-rapport ghas-16 ta' Jannar 2002.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku a fol. 65 sa 113 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta s-16 ta' Jannar 2002 fejn Dr Thomas Abela ghas-socjeta` attrici rrimetta ruhu ghar-rapport tal-perit, il-konvenut u d-difensur tieghu msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux, u peress li l-kawza kienet ghall-ezami tar-rapport u l-konvenut baqa' ma deherx, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi s-socjeta` attrici ghamlet din il-kawza stante li qed tipprettendi hlas ta' bilanc lilha dovut fl-ammont ta' Lm3,010 rappresentanti prezz ta' irham u granit mibjugh lill konvenut, liema talba qed tigi kkontestata mill-konvenut li qed jallega li l-istess irham u granit ma kienx tal-kwalita' pattwita u wkoll li l-ammont miltub huwa ezegerat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta s-socjeta` attrici tramite George Spiteri qed tallega li l-konvenut stess ghazel il-kwalita` tal-granit huwa stess li kien skond il-kampjun esebit bhala Dok. “GS 1” u li kien wiehed matt u mhux *‘high polish’ u ‘non slip’.* Sar ix-xoghol, thallas ammonti akkonti u wara ma sarx izjed hlas u saret din il-kawza. Il-materjal uzat kien jismu *“Verde Bianco – Tigrato”* jew *“Verde Tigrato”* li jorrigina mill-Brazil pero` li nxtara mis-socjeta` attrici minn Genova.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut sostna li huwa ordna materjal ta’ l-ewwel kwalita` ghalkemm il-granit ghazlu huwa u l-materjal kien fih xi tbajja meta tqieghed fuq il-post; li wahda minnhom indika lill-perit tekniku waqt access fuq il-post li sar fis-26 ta’ April 2001.

Illi fil-fatt skond il-Perit Anthony Fenech Vella nkarigat mill-konvenut, dan kien tal-opinjoni li l-materjal uzat ma kienx ta’ kwalita` prima u ma kellux uniformita` fil-komposizzjoni u ghalkemm l-ingredjenti bazici kienu hemm il-formazzjoni tal-granit ma kienitx kompluta u dan ibbazzat biss fuq ezami vizwali u l-ebda verifika ohra xjentifika.

Illi mill-provi prodotti, u kif gustament il-perit tekniku kkonkluda jidher li l-materjal mertu tal-kawza odjerna gie maghzul mill-konvenut, u fil-fatt l-konvenut gie kkonsenjat bil-materjal li huwa stess ordna, u fil-fatt ma hemm l-ebda kontestazzjoni li l-konvenut gie fornit b’materjal differenti minn dak li huwa kien ghazel u ordna.

Illi dwar in-natura teknika tal-kwistjoni odjerna jirrizulta mill-konkluzjonijiet tar-rapport peritali li l-istess perit tekniku l-Perit Joseph Ellul Vincenti sostna li kemm mill-access kif ukoll mis-*sample* ta' granit ipprezentat waqt il-kawza, li l-materjal maghzul mill-konvenut u fornut mid-ditta attrici hu granit ta' kwalita tajba u lussuza ghalkemm daqsxejn teneru specjalment *f'area* fejn hemm predominanza ta' vegitazjoni *algae* kif jidher ben tajjeb fis-*sample* ipprovdut mill-attur cjoe' Dok "GS/1".

Illi l-istess Perit Tekniku kkonstata li *"ezaminat fil-qrib ta' dan l-istess sample juri li l-areas hodor (cioe il-parti formata minn vegitazjoni/algae) huma matti. Dan hu rizultat tal-prezenza ta' odju fl-algae li ma jippermettix il-brillantezza fil-polishing. Dan hu karakteristika ta' dan il-granit".*

Illi huwa ovvju li dawn il-konsiderazzjonijiet ittiehdu fuq dak li sostna l-istess perit tekniku dwar il-komposizzjoni tal-istess granit a fol. 77 sa fol. 79 tal-process, li jifforma parti mir-relazzjoni peritali u wkoll abbazi tac-certifikat mahrug mis-socjeta` spedjitrici tal-istess materjal, li tieghu George Spiteri ha ir-responsabilita` dwar il-kontenut tieghu, li jinsab esebit bhala Dok. "GS8" a fol. 81 tal-process, u l-effett tal-istess materjal meta mqieghed fil-post huwa fil-fatt rizultat tal-komposizzjoni tal-istess tip ta' granit innifsu.

Illi l-istess Perit tekniku kkonkluda wkoll li *"jirrizulta wkoll illi s-somma pretiza mill-attur cioe` is-somma ta' hames t'elef u ghaxar liri hi gusta u ma gietx ikkontestata waqt il-kors tal-kawza u ghalhekk wara li tnaqqas pagament ta' elfejn*

*lira, is-somma cioe` il-bilanc ta' tlett elef lira hu dovut mill-konvenut Raymond Borg lid-ditta attrici" u "li l-materjal fornut hu dak ordnat mill-attur, hu granit u hu granit ta' kwalita` lussuza ghalkemm ghandha n-nuqqasijiet taghh".*

Illi jidher li dawn ir-rizultanzi teknici ma gew bl-ebda mod ikkontestati mill-konvenut wara l-prezentata tal-istess rapport, u fil-fatt la sar ezami tar-rapport, la eskussjoni tal-istess perit tekniku u lanqas saret it-talba ghan-nomina ta' periti perizjuri, u ghalhekk ma jidhirx li hemm lok ghaliex din il-qorti m'ghandhiex taddota l-konkluzjonijiet tal-istess perit tekniku bhala l-konkluzjonijiet taghha wkoll u fil-fatt dak li qed prezenzjalment taghmel.

Illi ta' interess partikolari mill-provi migbura huwa l-fatt li kemm waqt li kien qed isir ix-xoghol minn terzi persuni ta' tqeghid tal-istess materjal, u kemm wara l-konvenut ma ghamel l-ebda ilment li l-materjal ikkonsenjat ma kienx dak li huwa ghazel u ftiehem dwaru mas-socjeta` attrici, u fil-fatt din il-lamentela qatt ma tqajmet fil-kawza; l-unika lment li sar mill-konvenut kien biss dwar il-kwalita` tal-istess materjal, li apparti li jirrizulta li din ma hijiex fondata, anke wara li giet investigata mill-perit tekniku mqabbad mill-Qorti, din tqajmet biss wara l-konsenja tax-xoghol kollu u wara li s-socjeta` attrici talbet il-hlas tal-ammont bilancjali dovut lilha, u wara li l-konvenut kien talab zmien biex ihallas ghaliex ma kellux flus likwidi.

Illi ta' min jirrimarka wkoll li ghalkemm il-konvenut sostna li l-ammont mitlub huwa wkoll esegerat, huwa fl-ebda stadju

ta' din il-kawza ma gab ebda prova dwar l-istess, anzi minn dak kontenut a fol. 77 tal-process, formanti parti mir-relazzjoni peritali, jidher li in verita` l-ammont miltub mis-socjeta` attrici huwa dak rejalment pattwit u dovut mill-konvenut.

Illi huwa sintomatiku ghalhekk li fid-dawl ta' dan kollu jinghad li ghalkemm il-Qorti ma hijiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha nnfisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-**artikolu 681 tal-Kap 12,** jibqa' jippersisti l-fatt li tali konkluzjoni pertali, specjalment fuq natura purament teknika, dan il-Qorti *"ma tistax taghmlu b'mod legger jew kapriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' aspett tekniku tal-materja taht ezami"* (**"Philip Grima vs Carmelo Mamo –** A.C. 29 ta' Mejju 1998; **"Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca" –** A.C. 6 ta' Ottubru 1999; **"John Saliba vs Joseph Farrugia"** A.C. 28 ta' Jannar 2000; **"Sammy Tabone vs Carmel Tabone et"** – A.C. 5 ta' Ottubru 2001).

Illi dawn is-sentenzi huma bbazati wkoll fuq dak li intqal fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **"Giswarda Bugeja *et* vs Emmanuele Muscat *et*"** (A.C. 23 ta' Gunju 1967 – LI.i.390) fejn intqal li ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, *'b'danakollu, l-'giudizio dell'arte' espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux aktar u aktar fejn il-parti nteressata*

*ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali jigi skartat facilment ammenoche' ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli".*

Illi fil-fatt abbazi tal-premess jidher li l-konkluzjoni tal-perit tekniku dwar l-aspett tekniku tal-vertenza odjerna huwa addirittura kategoriku u l-konkluzjoni hija wahda skjetta u cara, u fil-fatt il-konvenut la bil-mezzi lilu provduti mill-ligi, u lanqas bl-ebda mod iehor, ma kkontesta l-istess rizultanzi skjaccanti, anzi mill-provi prodotti jirrizulta li l-ilment tal-konvenut huwa animat mill-fatt li huwa qed jevita li jhallas dak minnu dovut lis-socjeta` atttrici, manifestata mill-fatt ippruvat li huwa lmenta biss dwar n-natura tal-istess materjal, wara li dan twahhal fil-post minn terzi persuni nkarigati minnu, li jidher li lanqas ikkumentaw fuq il-kwalita` tal-istess madum, anzi wahhluh kif ordnati, u wara li s-socjeta` attrici talbet il-hlas tal-ammont bilancjali mill-prezz dovut lilha, u dan wara li l-konvenut kien jidher li qed gja ibati biex ihallas.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-

konvenut stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa' it-talba attrici** b'dan li:-

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont bilancjali kumplessiv ta' tlett elef u ghaxar liri Maltin (LM3,010) flimkien mal-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ahhar konsenja fl-1 ta' April 1996 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha nkluzi tar-relazzjoni peritali kontra l-konvenut .

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**28 ta' Frar 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**28 ta' Frar 2002**